Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 926/2010

**Emanuel Caruana**
**(karta ta'identita' numru 782632 (M))**

**vs**

**Nazzareno Caruana u martu Dolores Caruana ghal kull interess li jista jkollha**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur fuq indikat datat il-15 ta' Settembru 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti gie sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi hu sid il-*plot* numru 2, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, kantuniera ma' Triq il-Franka, l-Imqabba:

1.2 Ili l-intimat bena in parti fuq il-*plot* tar-rikorrenti;

1.3 Illi nonostante li l-intimat intalab jiddesisti, baqa’ ghaddej bil-bini, anke fuq il-*plot* tar-rikorrenti;

1.4 Illi r-rikorrenti talab lill-intimat jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni, izda inutilment;

1.5 Illi ghaldaqstant aderixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jwiegbu u jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

1.5.1. Tiddikjara li l-intimat abbuzivament u illegalment bena’ fuq l-art tar-rikorrenti;

1.5.2. Tillikwida, anke b’nomina ta’ perit tekniku, id-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.5.3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.5.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-13 t’Ottubru, 2010, li permezz taghha l-intimati eccepew sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi l-intimata Dolores Caruana mhix il-legittimu kontradittur stante li m’ghandha l-ebda ness mas-siti involuti;

2.2. Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-intimata, u dan, bl-ispejjez;

2.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.4. Illi l-intimat agixxa fil-limiti tad-drittijiet tieghu;

2.5. Illi mhux minnu li l-intimat bena fuq proprjeta` tar-rikorrenti, u dan, bosta snin ilu u mhux “dan l-ahhar”;

2.6. Illi allura m’hemm l-ebda danni x’jigu likwidati;

2.7. Illi anke jekk mhux volutament bena fuq proprjeta` tar-rikrorenti, l-ammont ta’ danni pretizi kienu ezorbitanti;

2.8. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-13 t’April, 2011, li permezz tieghu hatret lill-perit tekniku hemm indikat, (ara fol 41);

4. Rat ir-relazzjoni peritali datata s-26 ta’ Marzu, 2013, (ara fol 48 *et sequitur*);

5. Rat id-digriet taghha datat l-10 t’April, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni tal-kaz issir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 115);

6. Rat in-nota ta’ kritika tar-rikorrenti datata t-23 t’April, 2013, (ara fol 119);

7. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut Nazzareno Caruana;

8. Ezaminat id-dokumentazzjoni ipprezentata;

9. Rat ix-xhieda esebita flimkien mal-affidavitijiet ipprezentati;

10. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti;

Ikkonsidrat:

11.0. Illi skont il-perit tekniku nominat gie minnu konstatat is-segwenti konsiderazzjonijiet teknici:

11.1. Illi l-proprjeta` tal-intimati llum hi mibnija u tmiss mal-proprjeta` tar-rikorrenti;

11.2. Illi l-kontendenti Emanuel u Nazzareno Caruana huma ahwa u l-art in dizamina giet ghandhom b'wirt minn missierhom;

11.3. Illi skont pjanta ta' divizjoni jirrizulta is-segwenti:

11.3.1. Illi l-*plot* tal-intimat hi ta' *area* ta' 128.46 metri kwadri;

11.3.2. Illi l-*plot* tar-rikorrenti hi ta' *area* ta' 139.96 metri kwadri, b'wisgha ta' 6.3 metri;

11.4. Illi skont *survey* kondott mill-perit tekniku *de quo* jirrizulta s-segwenti:

11.4.1. Illi dak attwalment mibni ma jaqbilx mal-pjanta ta' divizjoni tal-kuntratt;

11.4.2. Illi l-linji tal-bini kif imposti fuq is-sit mhux necessarjament jirriflettu l-pjanta *de quo*;

11.4.3. Illi meta wiehed jaghmel "*superimposition*" tal-pjanta tal-kuntratt tas-*survey* jirrizulta li l-allinjament tal-art tal-kontendenti kien bejn wiehed u iehor interpretat korrettement, (ara fol 54);

11.5. Illi konsegwentement jirrizulta s-segwenti:

11.5.1. Illi l-art tal-intimati kibret konsiderevolment, (ara fol 58), billi twessghet;

11.5.2. Illi l-wisgha tal-art appartenenti lir-rikorrenti ma nbidlitx, (ara fol 58);

11.6. Illi finalment l-istess espert tekniku ikkonkluda sintetikament is-segwenti:

11.6.1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

11.6.2. Illi r-rikorrenti ma rnexxilux jipprova li n-nuqqas ta' kejl riskontrat fl-art appartenenti lilu hi attribwita direttament u esklussivament ghall-intimati;

11.6.3. Illi l-kawza tad-dizgwid riskontrat hi rizultat tal-fatt li l-pjanta annessa mal-kuntratt ta' divizjoni ma gietx redatta bi precizjoni, kif konfermat mill-perit tal-istess rikorrenti;

11.6.4. Illi in vista tal-konkluzjonijiet suesposti, m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati u *di piu`*, allura, ma hemm l-ebda danni x'jigu ikkundannati;

Ikkunsidrat:

12. Illi l-istess rizultanzi u konkluzjonijiet fuq hawn esposti gew debitament assodati fir-risposti in eskussjoni tal-espert tekniku *de quo*;

13. Illi ghalhekk, in vista tal-istess, din il-qorti hi sodisfatta li l-espert tekniku in dizamina espleta l-inkarigu tieghu skont l-oghla aspirazzjonijiet fir-rigward, u konsegwentement qed taghmel taghha r-relazzjoni *de quo*;

Ikkunsidrat:

14. Illi *di piu`*, ghandu jkun pacifiku li nonostante li r-rikorrenti ghogbu jindirizza l-kawza tieghu anke fid-direzzjoni tal-intimata Dolores Caruana, din ma iffigurat imkien fl-atti tal-kawza;

15. Illi in effetti lanqas l-istess rikorrenti ma jirrizulta li qatt indirizzaha;

16. Illi konsegwentmeent takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u konsegwentement tillibera lill-intimata Dolores Caruana mill-osservanza tal-gudizzju;

**DECIDE:**

17.0. Illi fil-meritu, in vista tal-konkluzjonijiet debitament assodati bir-ragunar professjonalment riskontrabbli tal-espert tekniku fuq espost, din il-qorti tadotta wkoll il-konkluzjonijiet tal-istess espert tekniku u konsegwentement:

17.1. Filwaqt li takkolji r-risposti tal-intimat Nazzareno Caruana;

17.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Emanuel Caruana;

17.3. Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra l-istess rikorrenti Emanuel Caruana.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------